Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,144, 7 ta' Novembru, 2023
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXVI tal-2023

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.

ACT No. XXXVI of 2023

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to further amend the Criminal, Cap. 9.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **FRANK BEZZINA**
Aġent President

7 ta' Novembru, 2023

ATT Nru XXXVI tal-2023

ATT sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2023 li jemenda l-Kodici Kriminali (Emenda Nru 4) u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Kriminali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi".

Kap. 9.

Emenda tal-artikolu 251H tal-Kodiċi.

2. Fl-artikolu 251H tal-Kodici, il-kliem "f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fil-każ li tirriżulta waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin:".

Emenda tal-artikolu 251HA tal-Kodiċi.

3. Fl-artikolu 251HA tal-Kodiċi, il-kliem "f'kull każ imsemmi fl-artikolu 202," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fil-każ li tirriżulta waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 202,".

A 872

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 163 tal-1 ta' Novembru, 2023.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati